*MALTA EUROVISION SONG CONTEST 2013*

# Jirbaħ Gianluca u tirbaħ il-kariżma

minn **Noel D'Anastas** – ndanastas@gmail.com




*Gianluca Bezzina jinterpreta l-kanzunetta rebbieħa 'Tomorrow' fil-finali tal-Malta Eurovision Song Contest 2013 f'Ta' Qali (Ritratt: Trevor Sollars)*

Se jkun Gianluca Bezzina li f'Mejju li ġej jirrappreżenta lil pajjiżna fil-*Eurovision Song Contest* li se jsir f'Malmo, l-Iżvezja.

Għal Gianluca, li għandu 23 sena, kienet l-ewwel esperjenza f'dan il-festival u halliet mill-ewwel togħma tajba. L-istess jingħad għas-*songwriters* tal-kanzunetta *Tomorrow* – Boris Cezek u Dean Muscat – li wkoll kitbu l-kanzunetti ta' Gianni u Janice Debattista.

*Tomorrow* hi kanzunetta helwa, mexxejja, li malli tismagħha tibqa' tiftakarha. Xi kultant tfakkrek f'*Hey, Soul Sister* ta' Train u f'mumenti tinhass is-similarità tal-vuċi. Iżda l-formula s'issa kienet tajba. Gianluca u shabu fuq l-*istage* taw wirja tajba, Gianluca kien kunfidenti u deher li qed jiehu pjaċir 'il bogħod mit-tensjoni li jista' joffri.

Probabbli din kienet l-edizzjoni mistennija għal Kevin Borg, il-kantant li rebah il-Pop Idol tal-Iżvezja, il-pajjiż li llum jgħix fih, propju dak li se jorganizza l-Eurovision. Il-kanzunetta tiegħu nkitbet minn tim ta' *songwriters* u *producers* Żvediżi magħrufa, b'ċans kbir li din id-darba jagħmilha.

Minkejja li ġabar l-akbar ammont ta' *televoting*, Kevin kellu jikkuntenta bit-tieni post għall-interpretazzjoni brillanti li ta fil-kanzunetta tajba *Needing You*.

Għal dawk li jħobbu l-*metal*, kien hemm numru ta' segwaċi li forsi għall-ewwel darba segwew dan il-festival b'sapport leali lejn Chris Grech, il-kantant tal-*band* Twenty-Six Other-Worlds li stennejtu se jmur hafna aħjar wara l-wirja dinamika li ta.

Nghid għalija, kienet waħda mis-*songs* favoriti tiegħi flimkien ma' dik ta' Kevin Borg, Gianluca Bezzina, Amber u d-dwett bejn Petra u Richard Edwards. Impressjonat ukoll il-vuċi sofistikata ta' Davinia Pace.

Din is-sena kien hemm ukoll il-kontroversja li s-sit uffiċjali tal-Eurovision habbar li Amber kienet rebhet il-festival meta t-*televoting* kien għadu miftuħ. L-aħbar tneħhiet ftit wara u l-ġurnalist li għamilha rriżenja.

Iż-żewġ serati xxandru *live* fuq il-PBS. Għal min bħali segwa s-semifinali fuq it-televiżjoni seta' jinnota difetti fil-hoss. Ħasra, għaliex it-telespettaturi wkoll kellhom sehem fl-għażla tal-kanzunetti għall-finali.

Din l-edizzjoni żvolġiet ukoll f'maratona ta' reklami u promozzjonijiet mhux f'waqthom għal programmi oħra ta' matul il-ġimgħa fuq il-PBS. Kienu żejda wkoll ċerti kummenti tal-preżentaturi.

Barra l-eċċitament li joffri festival bħal dan, l-ispettaklu inkluda wkoll *show* qasir ta' *cover versions* minn Kurt Calleja, rebbieh tas-sena l-oħra, u attrazzjoni minn *Dreams*, flimkien ma' mistiedna oħra fiż-żewġ serati.

Mistieden fis-sala kien hemm Peter Andrè li l-għada kien il-mistieden speċjali fil-*Malta Music Awards* fejn l-imħuh wara l-MMAs kienu wkoll fil-*panel* tal-ġurija.

Għall-kronaka, din is-sena kienu sottomessi 181 kanzunetta li minnhom ġew magħżula 69 għas-selezzjoni tat-tieni fażi u wara ntgħażlu 24 li 16 minnhom għaddew għall-finali. F'Diċembru li għadda, Marilena bil-kanzunetta *Overrated* kienet hadet post *Dress Rehearsal* ta' Saska Hunt li harġet mill-festival.

Il-ġurati fil-lejla finali kienu: Aleksandar Kostadinov (Kroazja), Noel Magri (Malta), Alessandro Ragni (Italja), Anna Dalli (Malta), Walid Arfush (Ukrajna), Olga Salamakha (Belarus) u ċ-*chairman* tal-ġurija Carlo Borg Bonaci (Malta).

Malta issa tittanta xortiha biex għat-tieni sena konsekuttiva naqtgħu post għall-finali tat-18 ta' Mejju, iżda qabel, *Tomorrow* trid tikkompeti fit-tieni semifinali tas-16 ta' Mejju. Minn issa nawguraw aktar suċċess f'din l-esperjenza.

## Gianluca Bezzina



Gianluca, tabib fl-isptar tal-anzjani San Vincenz, għandu kariżma li tiġbdek, saqajh mal-art, li jieħu l-kant b'serjetà u mħabba, iżda jħares lejn il-professjoni medika bħala l-qofol tal-karriera tiegħu.

Hu wkoll il-vokalista tal-*band* interessanti Funk Initiative li sentejn ilu kienu nominati għall-aħjar element ġdid fl-MMAs u l-BMAs. Ipparteċipa bħala solista fil-kunċerti ta' Voices u Rockestra.

Gianluca ġej minn familja mużikali. Kienet oħtu stess Dorothy li hajritu jidhol f'dan il-manifest fejn hi stess esperjenzatu erba' darbiet. Nannuh hu Gaetano Buttigieg, magħruf aktar bħala 'Gaetano Kanta' li fil-ħamsinijiet kien il-pijunier li introduċa l-ilsien vernakulari f'kanzunetti magħrufa Taljani, Ingliżi u Amerikani meta kien jibdlilhom il-versi u jadattahom għall-Malti, xi kultant anki għall-ambjent lokali.

Gaetano kien għamel suċċess kbir sew fuq ir-Redifussion kif ukoll fil-pubblikazzjonijiet ta' bosta kotba żgħar li kienu wkoll jintbagħtu lill-emigranti Maltin.




L-Għid mal-Euro Tours
Settimana Santa - Abruzzo
27 ta' Marzu – 2 t'April
€890
Inżuru lil Padre Pio
*Full board * Pakkett inkluživ bl-eskursjonijiet kollha bl-ikel u x-xorb * Lukanda 4 star f'Montesilvano *titjiriet lejn Ruma bit-taxxi inklużi
EuroTours
Malta: Mountbatten Street, Ħamrun
Gozo: 26, Republic Street, Victoria
email: info@eurotours.com.mt
Telephones: 25965555 21223295 21233193
Gozo Office: 21564452
www.eurotours.com.mt